**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta’ sessjoni*

**B9-0240/2023 }**
**B9-0241/2023 }**
**B9-0246/2023 }**
**B9-0247/2023 }**
**B9-0249/2023 } RC1**

10.5.2023

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 144(5) u l-Artikolu 132(4) tar-Regoli ta’ Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B9-0240/2023 (The Left)
B9-0241/2023 (Verts/ALE)
B9-0246/2023 (S&D)
B9-0247/2023 (Renew)
B9-0249/2023 (ECR)

dwar il-Myanmar, b’mod partikolari x-xoljiment tal-partiti politiċi demokratiċi (2023/2694(RSP))

**Pedro Marques, Marianne Vind, Tonino Picula, Evin Incir**
f’isem il-Grupp S&D
**Abir Al-Sahlani, Nicola Beer, Izaskun Bilbao Barandica, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Bernard Guetta, Svenja Hahn, Ilhan Kyuchyuk, Karen Melchior, Javier Nart, Urmas Paet, Dragoş Pîslaru, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Šimečka, Ramona Strugariu, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans**
f’isem il-Grupp Renew

**Heidi Hautala**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Anna Fotyga, Karol Karski, Angel Dzhambazki, Ryszard Czarnecki, Anna Zalewska, Witold Jan Waszczykowski, Joachim Stanisław Brudziński, Eugen Jurzyca, Veronika Vrecionová, Alexandr Vondra, Waldemar Tomaszewski, Assita Kanko, Bogdan Rzońca, Elżbieta Kruk, Adam Bielan, Elżbieta Rafalska**
f'isem il-Grupp ECR
**Marisa Matias, Marina Mesure**
f'isem il-Grupp tax-Xellug
Fabio Massimo Castaldo

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Myanmar, b'mod partikolari x-xoljiment tal-partiti politiċi demokratiċi (2023/2694(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fil-Myanmar,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tad-29 ta' Marzu 2023 dwar il-Myanmar,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fit-28 ta' Marzu 2023, erbgħin partit politiku fil-Myanmar ġew xolti, fosthom il-Lega Nazzjonali għad-Demokrazija (NLD), peress li ma rreġistrawx skont il-Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Partiti Politiċi tar-reġim;

B. billi minn Jannar 2022, il-ġunta inkarċerat mijiet ta' membri tal-NLD, li wħud minnhom mietu f'detenzjoni;

C. billi fil-21 ta' Diċembru 2022 il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta riżoluzzjoni fejn talab it-tmiem tal-vjolenza u l-ħelsien immedjat tal-persuni kollha detenuti b'mod arbitrarju;

1. Jikkundanna bil-qawwa t-tmexxija vjolenti u illeġittima tal-ġunta, li daħħlet lill-Myanmar fi kriżi umanitarja u tad-drittijiet tal-bniedem; jirrifjuta kwalunkwe tentattiv mill-mexxejja militari biex jilleġittimizzaw il-poter mhux demokratiku tagħhom permezz ta' elezzjonijiet fittizji;

2. Jikkundanna bil-qawwa d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Elettorali tal-Unjoni tal-Myanmar maħtura mill-militar li xxolji erbgħin partit politiku u l-arresti sussegwenti tal-politiċi; jitlob l-istabbiliment mill-ġdid immedjat ta' dawn il-partiti;

3. Iħeġġeġ lill-ġunta tagħti l-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet lill-priġunieri politiċi kollha; jitlob it-tmiem immedjat tal-istat ta' emerġenza illegali u tal-użu indiskriminat tal-vjolenza, ir-restawr tal-gvern ċivili, l-istabbiliment mill-ġdid ta' perkors lejn id-demokrazija u l-ftuħ rapidu tal-parlament bil-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti eletti kollha;

4. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu b'mod sostanzjali l-għajnuna umanitarja lill-poplu u lir-rifuġjati tal-Myanmar, inklużi r-Rohingya;

5. Jikkundanna bil-qawwa l-użu tal-istupru bħala arma u l-attakki mill-ajru mwettqa b'mod regolari mill-militar fuq bersalli ċivili;

6. Iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali tikkoordina u tuża l-mezzi politiċi kollha disponibbli biex taħdem mal-ASEAN u ma' atturi reġjonali oħra biex tegħleb il-kriżi, inkluż billi żżid b'mod sinifikanti l-appoġġ għall-Gvern ta' Unità Nazzjonali u għall-

gruppi demokratiċi tal-oppożizzjoni, filwaqt li taħdem biex tistabbilixxi embargo globali fuq l-armi fuq il-Myanmar u tinforma b'dak li qed jiġri fil-pajjiż lill-Qorti Kriminali Internazzjonali;

7. Jistieden lill-UE tintroduċi sanzjonijiet immirati addizzjonali kontra l-militar u l-interessi kummerċjali tiegħu, inklużi sanzjonijiet fuq il-fjuwil tal-avjazzjoni, fuq No.2 Mining Enterprise u fuq il-Myanmar Foreign Trade Bank, u tinforza malajr l-implimentazzjoni tagħhom;

8. Jistieden lill-Kummissjoni turi li l-iskema Kollox Minbarra Armi ma tibbenefikax lill-ġunta, u f'każ kuntrarju, tipproċedi bl-irtirar temporanju tal-mekkaniżmu;

9. Jistieden lill-UE turi li kwalunkwe involviment mal-Myanmar, inkluż minn kumpaniji privati u impriżi bbażati fl-UE bħal MADE, huwa soġġett għal proċessi msaħħa ta' diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem biex jiġu protetti u garantiti d-drittijiet tal-ħaddiema;

10. Jikkundanna lir-Russja u liċ-Ċina fid-dawl tal-appoġġ politiku, ekonomiku u militari tagħhom lill-ġunta tal-Myanmar;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Gvern ta' Unità Nazzjonali, lill-Kumitat li jirrappreżenta lill-Pyidaungsu Hluttaw, lit-Tatmadaw, lill-ASEAN, lin-NU, lill-VP/RGħ, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.